Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,119, 20 ta' Lulju, 2001
Taqsima B

A.L. 174 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Institute Certificate in Baroque Architecture

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Institute Certificate in Baroque Architecture.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-International Institute for Baroque Studies;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Pre-Tertiary Institute Certificate in Baroque Architecture; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Pre-Tertiary Institute Certificate in Baroque Architecture

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2001 jew wara.

L-Eliġibbilita' għaċ-Ċertifikat

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti proviżorji skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji, jiksbu l-kredti indikati f'paragrafu (1) tar-regolament 6 u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'xi statuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Id-Dħul fil-Kors

4. (1) L-applikanti għandhom japplikaw biex jirreġistraw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) L-applikanti jkunu jistgħu jirreġistraw għall-Kors jekk:

(a) ikollhom sfond tekniku u/jew esperjenza teknika; u
(b) jgħaddu test tad-dħul imħejji mill-Bord ta' l-Istudji.

(3) Id-dħul fil-Kors għandu jkun limitat għal dawk l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, u li jkunu nominati minn organizzazzjonijiet li jikkommissjonaw il-Kors għall-impjegati tagħhom wara li ħadu qbil mal-Bord.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Kors ta' l-Istudji

6. (1) Il-Kors jikkonsisti miż-żewġ taqsimiet studju obbligatorji li ġejjin:

(a) Baroque Buildings (7 kredti); u
(b) Building Practice (8 kredti).

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju, li jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju u l-metodu ta' valutazzjoni (normalment permezz ta' xogħol matul il-kors, li jista' jinkludi assenjamenti bil-miktub, proġetti, u eżami fit-tmiem tat-taqsima studju) kif wkoll il-piż li jingħata għal kull komponent, għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Il-Valutazzjoni

7. (1) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi komponent tal-valutazzjoni ta' taqsima studju għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettu l-assenjament/i, jew jagħmlu l-eżami supplimentari fis-sessjoni ta' eżamijiet li jkun imiss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(3) Jekk jeħlu fil-valutazzjoni supplimentari l-istudenti jkunu meħtieġa jħallu l-Kors.

L-Attendenza

8. L-attendenza regolari għat-taqsimiet studju kollha tal-Kors hija obbligatorja. Fil-każ ta' assenza għal raġuni li l-Bord ta' l-Istudji jikkonsidra

valida, il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jkomplu l-Kors sakemm isiru arrangamenti apposta biex huma jlaħħqu ma' dak li tilfu waqt l-assenza tagħhom.

Ir-Riżultat Finali

9. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis ix-xogħol ta' l-istudenti fit-taqsimiet studju obbligatorji.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku klassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.